MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Numru 915/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**BURGH SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Burgh Spiteri, bin missier mhux maghruf u Louisa Spiteri imwielda Spiteri, imwieled gewwa tal-Pieta', nhar l-10 ta' Frar, 1990, residenti fil-fond imsemmi 'Pinto', Flat 4, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104590 (M);

Akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Awissu, 2006 fil-Belt Valletta, ghall-habta tas-saghtejn u ghoxrin minuta ta' wara

nofsinhar, flimkien ma' zewg persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' oggetti, fosthom *camera* tar-ritratti tal-marka *Medion,* liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur li jeccedi s-somma tal-mitt lira maltin (lm100.00), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Thorsten Philip ta' nazzjonalita' germaniza;

2. U aktar talli nhar is-26 ta' Awissu, 2006 fil-Belt Valletta, ghall-habta tal-hamsa u ghaxar minuti ta' fil-ghaxija, flimkien ma' zewg persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' *hand-bag* u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' Michelina Buttigieg, anzjana ta' aktar min hamsa u sittin sena;

3. U kif ukoll talli sar recediv *ai termnini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat il-verbal tal-lum, fejn il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet (3) akkuza tar-recidiva.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lilll-imsemmi mputat Burgh Spiteri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tmintax(18)-il xahar, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------